MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 163/2012

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) fil-Knisja ta' Pompei, Marsaxlokk u miz-zwieg kellhom tifla wahda li jisimha J li twieldet fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000);

Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni maghmul fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Sciriha datat disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tas-sena

elfejn u tlieta (2003) u li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument ‘A’;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikoknciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi dawn ilhom separati minn xulxin ghal aktar minn hdax-il sena u illum ghandhom hajja totalment separata minn ta’ xulxin;

Illi l-esponenti u bintha l-minuri J qeghdin jircievu manteniment xieraq minghand l-intimat AB u dana skont kif regolat mill-istess kuntratt ta’ separazzjoni hawn fuq imsemmi;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet u tiddikjara bhala mahlul iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997);
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien qasir prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 66A (4) tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimat in subizzjoni;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Marzu, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixdhu bil-gurament taghom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta’ Dicembru, 2003 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut minn hadd mill-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------